32001D0682

L 241/1 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ 11.9.2001

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
## tat-30 ta' Awissu 2001
## dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u Dik li Qabel Kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (FYROM) fuq l-attivitajiet tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea (EUMM) fil-FYROM

(2001/682/CFSP)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat fuq l-Unjoni Ewropea u partikolarment l-Artikolu 24 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Presidenza,

Billi:

(1) Fit-22 ta' Diċembru 2000, il-Kunsill adotta Azzjoni Konġunta 2000/811/CFSP fuq il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea [1].

(2) L-Artikolu 6 ta' dik l-Azzjoni Konġunta tipprovdi regoli ddetaljati li jirregolaw l-operazzjonijiet ta' l-EUMM f'żoni tar-responsabbiltajiet tiegħu għandhom jiġu stipulati fl-arranġamenti li għandhom jiġu konklużi skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 24 tat-Trattat.

(3) Wara d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2001 li tawtorizza lil Presidenza biex tiftaħ negozjati, il-Presidenza nnegozjat ftehim mall-FYROM fuq l-attivitajiet ta' l-EUMM.

(4) Dak il-Ftehim għandu jiġi approvat,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u Dik li Qabel Kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja fuq l-attivitajiet tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea (EUMM) f'Dik li Qabel Kienet ir- Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja hu hawnhekk approvat f'isem l-Unjoni Ewropea.

It-test tal-Ftehim hu mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill hu hawnhekk awtorizzat biex jinnomina persuna awtorizzata biex tiffirma l-Ftehim sabiex torbot l-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Magħmula fi Brussell, fit-30 ta' Awissu 2001.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

L. MICHEL

---

[1] ĠU L 328, tal-31.12.2000, p. 53.